**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 30 ta' Ġunju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**Simon Leyton Rachid**
**(KI: 95301L)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Simon Leyton Rachid li ġie akkużat talli nhar id-29 ta' Ġunju 2022 u fil-ġranet u l-ġimgħat ta' qabel din id-data, u f'diversi nħawi f'dawn il-gżejjer;

1. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dr. Josette Demicoli LL. D fid-digriet tagħha tat-8 ta' Diċembru 2021 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet skond l-Artikoli 579 (1) (2) (3) ta' Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Dr. Rachel Montebello LL. D fid-digriet tagħha tal-20 ta' Novembru 2021 li bih tat il-ħelsien mill-arrest b'diversi

kundizzjonijiet skond l-Artikoli 579 (1) (2) (3) ta' Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti tal-liberta kundizzjonata skont l-artikolu tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D, datata 22 ta' Ottubru 2021, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

4. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrendiet ruħha riċediva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Simon Leyton Rachid ingħata il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi kif ukoll tordna li s-somma ta' 900 Euro f'depożitu u €14,000 bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lill-imputat u lix-xhud imressqa minnu;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat illi naqas li jħares numru ta' kundizzjonijiet imposti fuqha permezz ta' żewġ digrieti għall-ħelsien mill-arrest tiegħu, u dan senjatament id-digriet tat-8 ta' Diċembru 2021 u d-digriet tal-20 ta' Novembru 2021 maħruġa minn din il-Qorti diversament presjeduta. Jinsab akkużat ukoll illi ikkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza ta' liberta` proviżorja mogħtija fit-22 ta' Ottubru 2021.

Illi l-ksur tal-kundizzjonjiet tad-digrieti tal-ħelsien mill-arrest riskontrat minn din il-Qorti huwa s-segwenti, u ċioe`:

1. Nuqqas tal-imputat li jiffirma fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta u tal-Ħamrun f'numru ta' okkażjonijiet kif ordnat permezz taż-żewġ digriet hawn fuq imsemmija;

2. Inqabad barra mir-residenza tiegħu għall-ħabta tal-5.00am, u cioe` f'ħinijiet li suppost kellu jkun fl-istess residenza u dan kif obbliga ruħu li jagħmel permezz tal-istess żewġ digrieti.

Illi l-Qorti tqis illi permezz tax-xhieda u tad-dokumenti ppreżentati mill-Prosekuzzjoni dawn iż-żewġ nuqqasijiet ġew ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, u ċioe` t-twettiq ta' reat fil-perjodu ta' sentenza ta' liberta` kundizzjonata, din ukoll ġiet ippruvata skont il-liġi bil-preżentata tas-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjduta tat-22 ta' Ottubru 2021.

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li minnha jirriżulta li l-imputat huwa reċidiv. Għaldaqstant anke dan l-addebitu ġie ppruvat.

Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni dak li xehed dwaru l-imputat, u ċioe` l-impossibilita` li huwa jirrinkaża fil-ħin stante li ommu jew oħtu għalqulu l-bieb tad-dar minn ġewwa. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-isfond soċjali tal-imputat li la għandu xogħol u wisq inqas għandu xi introjtu. Illi dan kollu ma jawgura xejn tajjeb biex l-imputat ikun jista' josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu għall-ħelsien mill-arrest.

Illi l-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni t-talba tad-difiża illi l-imputat jiġi mgħejjun minn din il-Qorti sabiex iqum fuq saqajh. Illi din il-Qorti hija lesta li tagħmel dan għaliex tapprezza li għalkemm l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest huwa għandu sfond partikolari li **għal din id-darba biss** lesta li tippermetti li jimmilita favur tiegħu. Illi min-naħa l-oħra il-Qorti tosserva illi l-Uffiċjali Prosekuturi dejjem kienu lesti li joffru l-għajnuna tagħhom fejn kien hemm bżonn, pero` naturalment, l-imputat irid jagħmel il-parti tiegħu ukoll. Ċertament dwar il-fatt li naqas li jiffirma numru ta' ġranet ma jista' jkun hemm ebda skuża plawsibbli.

Illi għalhekk filwaqt li din il-Qorti hija disposta li titratta mal-imputat b'piena mhux karċerarja, se tkun qed tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Probation sabiex

jiġi mgħejjun jindirizza diversi problemi li jidher li għandu f'ħajtu u li sa issa fixkluh milli josserva b'mod sħiħ il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Il-Qorti se tkun qed tapplika wkoll il-proviso tal-artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali u se tkun qed tikkonfiska biss parti mill-garanzija mogħtija mill-imputat.

Illi fir-rigward tat-talba għall-arrest mill-ġdid il-Qorti se tkun qed tilqa' din it-talba.

Il-Qorti tirrileva illi għalkemm permezz ta' din is-sentenza hija għażlet li tapplika l-proviso tal-artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali, dan għamlitu sabiex tagħti opportunita` lill-imputat jimxi 'l quddiem. L-imputat għandu jifhem li jekk fil-futur ikun hemm nuqqasijiet simili m'għandu ebda garanzija li l-Qorti se terġa' tkun klementi miegħu u dan wara li din il-Qorti qiegħda tagħtiħ opportunita` tad-deheb biex jimxi 'l quddiem f'ħajtu.

Illi għaldaqstant il-Qorti se tkun qiegħda ssib ħtija fl-imputat tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 579 (1), (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali u artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat **Simon Leyton Rachid** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, bl-addebitu tar-reċidiva, u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni qiegħda testendi t-terminu ta' sena liberta` kundizzjonata b'sena (1) oħra li tibda tiddekorri mil-lum. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha, il-Qorti qiegħda tpoġġi lill-ħati Simond Leyton Rachid taħt Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qiegħda tfiehem bi kliem ċar il-konsegwenzi ta' din l-Ordni u x'jiġri jekk huwa jonqos li jħares il-kundizzjonijiet tal-istess Ordni jew kwalunkwe struzzjoni li jista' jingħata mingħand l-Uffiċjal tal-Probation li se jiġi assenjat miegħu.

In oltre ai termini tal-Artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma ta' ħames mitt ewro (€500) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ai termini tad-digrieti ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli tat-8 ta' Diċembru 2021 u l-konfiska tas-somma ta' erba' mitt ewro (€400) stabbilit bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest taħt garanzija ai termini tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello tal-20 ta' Novembru 2021, b'kollox għalhekk qiegħda tiġi

konfiskata s-somma ta' disa' mitt ewro (€900). Finalment il-Qorti qiegħda tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati f'dawk il-proċeduri.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur